A.L. 210 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2009 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi:

(a) grad ta’ Master fl-istess qasam ta’ studju jew f’qasam relatat miksub wara li jkunu temmew il-kwalifika tal-ewwel ċiklu jew kwalifika komparabbli; jew

(b) l-ewwel grad f’suġġett relatat miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Ta’ Fuq); jew

(ċ) kwalifika ta’ grad komparabbli mal-gradi speċifikati fis-sottoparagrafi (a) u (b), kif approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) Fil-każ ta’ applikanti li jippreżentaw grad kif indikat fis-sottoparagrafi (b) u (ċ), il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat għandu:

(a) jaċċerta ruħu li l-applikant għandu sfond b’saħħtu ħafna fil-qasam ta’ studju relatat mal-qasam tar-riċerka proposta; u

(b) jissottometti rakkomandazzjoni b’motivazzjoni ċara lill-Bord biex l-istudent jiġi aċċettat għall-konsiderazzjoni aktar ‘il quddiem tal-Kumitat tal-Ph.D. u tas-Senat.

4. L-applikanti li għandhom grad kif indikat fl-ordinament 3 (b) u (ċ) għandhom ikunu temmew b'suċċess komponent ta’ dissertazzjoni/riċerka sostanżjali, b’mill-anqas grad medju ta’ B+ jew l-ekwivalenti, li għalih hemm assenjati mhux anqas minn 14–il kredtu ECTS.

5. Fejn is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, iqis li jkun meħtieġ, jista’ jitlob lill-applikanti li jtemmu b’suċċess numru ta’ taqsimiet studju taħt dawk il-kondizzjonijiet li hu jimponi.

6. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma’ proposta ta’ riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta kif mitlub mill-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

7. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta’ Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat li jkun magħmul minn:

Id-Direttur tal-Istitut jew delegat (*Chairperson*)
3 - 4 membri tal-Istitut li għandhom kwalifiki akkademiċi tad-dottorat.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

8. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, kull sena għall-istudenti kollha taħt is-superviżjoni tagħhom.

9. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

10. (1) Wara tnax–il xahar ta' studju *full-time,* l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu parti sostanzjali mix-xogħol ta' riċerka tagħhom għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun maħtur mill-Bord fuq il-parir tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat u għandu jkun magħmul minn *chairman,* is-Superviżur Prinċipali u akkademiku b'kompetenza fil-qasam.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu jissottometti l-ewwel, rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

11. L-istudenti reġistrati mal-Istitut jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim tal-Istitut.

Il-Proċedura waqt l-Eżami Orali

12. L-istudenti huma meħtieġa li jiddefendu t-teżi tagħhom b'mod orali. Huma jkunu mistennija li jagħmlu preżentazzjoni ta' madwar 20 sa 30 minuta dwar is-sejbiet ewlenin tax-xogħol tar-riċerka tagħhom u wara jwieġbu għall-mistoqsijiet magħmula mill-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi. Iċ-*Chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi għandu jiżgura li l-istudent jaf bil-proċedura li għandha tkun segwita waqt l-eżami orali.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

13. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jinfurmaw lill-Istitut li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

14. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

15. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

16. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, skont il-format indikat fil-linji gwida ppubblikati, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Istitut għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut tlett kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tad-diviżjoni u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.

It-Tħassir

17. L-Ordinamenti tal-2007 għall-gradi ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – u Master of Philosophy – M.Phil. - fl-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa, ippublikati bħala Avviż Legali Nru. 81 tal-2007, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2009, iżda l-istudenti rregistrati għall-gradi ta' Doctor of Philosophy u Master of Philosophy qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta rreġistraw għall-grad.